# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2024**

**Rikors Nru: 358/2023**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Maggur Peter Paul Ripard, Estelle Ripard, Maria Lucia sive Marylu Coppini, Nicholas Ripard, Timothy Ripard, Paul Ripard, Christopher Ripard, f'ismu propju u ghan nom ta' l-imsiefrin Michael u Edward Ripard**

**vs**

**NM Fashion Limited (C-83047)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 19 ta' Ġunju 2023[1] flimkien mad-dokumenti hemm annessi fejn, *ad litteram*, ġie premess u mitlub hekk:

1. *Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond 4 Bisazza Street, Sliema.*
2. *Illi dan il-fond inkera lis-societa intimata (Dok A); Illi s-societa intimata dahlet bhala inkwilina minn flok One Fashion Ltd. (Dok B).*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess

3. *Illi s-societa intimata naqset li thallas l-kera dovuta minkejja diversi interpellanzi inkluz l-ittra ufficjali kontra NM Fashion Ltd. datat 9 ta' Marzu 2023.*
4. *Illi l-ammont dovut sal15 ta' April 2023 huwa euro84009.34 (Dok C).*
5. *Illi l-iskadenza li imiss hija 17 Lulju 2023.*

   *Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord:*

   a) *Jiddikjara li s-societa intimata hija debitricii tar-rikorrenti fl-ammont ta' euro84009.34*
   b) *Jikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lis-societa intimata sabiex thallas euro84009.34 lir-rikorrenti.*
   c) *Tordna l-izgumbrament tas-societa intimata mill-fond 4 Bisazza Street, Sliema fi zmien qasir u perentorju.*

      *Bl-ispejjes kontra s-societa intimata li hi ngunta ghas subizzjoni. Bl-imghax legali.*

Ra d-digriet tal-5 ta' Lulju 2023[2].

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2023[3] fejn finalment is-soċjetá intimata ġiet debitament notifikata.

Ra n-nota tar-rikorrenti datata 18 ta' Diċembru 2023[4] u d-dokument hemm anness.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti Estelle Ripard magħmula fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2024[5]. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza llum.

---

[2] A fol 24 tal-proċess.
[3] A fol 36 tal-proċess.
[4] Nota relattiva tinsab a fol 51 tal-proċess.
[5] Traskrizzjoni tibda a fol 54 tal-proċess.

Ra li s-soċjetá intimata naqset milli tippreżenta risposta jew tidher għal seduta waħda f'dawn il-proċeduri.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra**

Illi kif jirriżulta mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, s-soċjetà l-intimata, għad li ġiet debitament notifikata, naqset milli tippreżenta risposta formali u li tidher quddiem dan il-Bord.

Illi għalhekk s-soċjetà l-intimata naqset milli ssegwi dak li jrid l-artikolu 30 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-karenza u passivitá tagħha f'dan il-proċediment ġudizzjarju ma jistgħux ikunu wisq t'għajnuna għaliha. Wara kollox, min jorqod fuq il-jeddijiet u rimedji li tipprovdi l-liġi ma jistax imbagħad isib wens minn awtorità ġudizzjarja, anke għaliex *qui culpa sua damnum sentit, non videtur sentire*[6]. Madanakollu, dan ma jfissirx li dan il-Bord huwa kostrett jaċċetta t-teżi tar-rikorrenti bis-sempliċi fatt li ma tiġix ppreżentata kontestazzjoni formali bil-miktub tal-intimata[7].

---

[6] *"Chi subisce un danno per propria colpa, non si considera averlo subito."* – Brocard 3983, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 37.

[7] F'dan ir-rigward il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et* vs Anthony Aquilina,** (App Nru 5/2015/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Novembru 2016 fejn intqal hekk: *"Kif qorti ghandha, "kull dritt tirileva, anke indipendentement mill-inizjattiva tal-parti konvenuta, in-nuqqas ta' dawk l-elementi li jsostnu l-fundament tal-pretensjoni tal-atturi. Dan jigri dejjem, ukoll fejn parti mharrka tkun fi stat kontumacjali." (Maria Concetta Pons vs Carmelo Degabriele, 20 ta' Novembru 2009), l-istess dritt ghandu l-Bord.* B'żieda ma dan issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maurice Borg *et* vs Robert Spiteri,** (App Nru: 137/2017) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Ġunju 2018 fejn ġie rrimarkat hekk: *"Mad-daqqa ta' għajn jidher li bl-artikolu 30 il-Bord għandu jdejh marbutin. Pero' f'dan il-każ tressqu provi dokumentarji u xehed l-attur. Il-qorti ma tarax kif a bazi ta' dawk il-fatti l-Bord seta' jagħlaq għajnejh u jilqa' t-talbiet kollha tar-*

Illi mix-xhieda prodotta mir-rikorrenti, sorretta wkoll bid-dokumenti eżebiti, liema provi qatt ma ġew kontradetti, l-azzjoni tar-rikorrenti timmerita akkoljiment totali. Jirriżulta wkoll li seħħet interpellazzjoni qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri u b'hekk ġiet sodisfatt wkoll il-klawżola rigwardanti t-terminazzjoni tal-lokazzjoni skond l-iskrittura ta' bejn il-kontendenti[8].

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jaqtá din il-vertenza billi:

1) Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u tmenin elf u disgħa Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€84,009.34ċ);

2) Jilqa' t-tieni talba u jordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erbgħa u tmenin elf u disgħa Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€84,009.34ċ) u dan bl-imgħax mill-11 ta' Mejju 2023[9] sad-data tal-pagament effettiv.

3) Jilqa' t-tielet talba u jordna li s-soċjetà intimata tiżgombra mill-fond mertu ta' dawn il-proċeduri u ċioé dak enumerat erbgħa (4), Bisazza

*rikorrenti qiesu xejn mhu xejn."* Wieħed huwa wkoll mistieden dak li ġie raġunat u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Michelangelo Camilleri vs Silvio Falzon,** (App 84/2012/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Jannar 2015.

8 Ara klawżola 20(b) a fol 20 tal-proċess.

9 Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali, li kienet għas-somma hawn mitluba, kif jidher *a tergo* a fol 52 tal-proċess. Jgħodd hawnhekk dak li nqtal fis-sentenza fil-ismijiet **Iris Dalmas vs Ronnie German et,** (App Ċiv Nru: 524/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Marzu 2005 u ċioé: *"Huwa fatt illi waqt li hu kontestat illi l-imghax ma kienx dovut fuq is-self mill-mument meta dan isir sakemm dan ikun il-ligi jew il-ftehim esigibbli, ma jfisserx illi ebda mghax ma kien ser ikun qatt dovut fuq dak l-istess self. Ghall-iskop tad-dekorriment ta' l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora. Jigifieri, "una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" (Kollez. Vol. XVI P I p 84);"* Dan il-bran ġie utilizzat u mħaddan fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Chetcuti vs Jeffrey Attard,** (Rik Ġur Nru: 543/21) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Ottubru 2021 (mhux appellata).

Street, Sliema u dan fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà intimata.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur